

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/189****tat-23 ta' Jannar 2023****li taħtar membru supplenti, propost mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Rumenu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoralu ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 <sup>(2)</sup>, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Nicolae PANDEA, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Rumenu ippropona lis-Sur Valentin-Dumitru-Ioan IVAN, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettoralu ta' awtorità lokali, *Primar, Comuna Sadu, Județul Sibiu* (Sindku tal-Komun ta' Sadu, Kontea ta' Sibiu), bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*Is-Sur Valentin-Dumitru-Ioan IVAN, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettoralu, *Primar, Comuna Sadu, Județul Sibiu* (Sindku tal-Komun ta' Sadu, Kontea ta' Sibiu), huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2023.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).